MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 389/2007

**Sandro Cuschieri u Joan Cuschieri**

**Vs**

**Carmel sive Charles Scerri u Angela Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Sandro Cuschieri u Joan Cuschieri fil-5 ta' Dicembru 2007 fil-konfront ta' Carmel sive Charles Scerri u Angela Scerri permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti: (i) tiddikjara lil Carmel sive Charles Scerri u lil Angela Scerri responsabbli ghad-danni kagonati lill-proprjetà taghhom u cioè "Tintola" Triq Salvu Busuttil, San Gwann, b'konsegwenza u bhala kawza tax-xoghlijiet u skavar maghmula fil-proprjetà taghhom (ossia tal-konvenuti) u cioè fis-sit fi Triq Salvu Busuttil, San Gwann, deskritta ahjar fl-applikazzjoni maghmula lill-Malta Environment Authority bin-numru PA 05094/01, li tinsab adjacenti mal-fond taghhom; (ii) tillikwida d-danni fl-ammont ta' elf seba' mija u tletin Lira Maltija u tnax-il

centezmu (Lm1,730.12), ekwivalenti ghal erbat elef u tletin Euro u disa’ centezmi (€4,030.09), jew somma verjuri, occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi; u (iii) tikkundanna lil Carmel sive Charles Scerri u lil Angela Scerri sabiex jhallsuhom is-somma ta’ elf seba’ mija u tletin Lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm1,730.12), ekwivalenti ghal erbat elef u tletin Euro u disa’ centezmi (€4,030.09), jew somma verjuri; bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tat-28 ta’ Gunju 2005 u tal-Protest Giudizzjarju tat-30 ta’ Marzu 2007, u bl-ispejjez u drittijiet legali u risarciment ta’ l-ispejjez u drittijiet peritali li huma kellhom ihallsu, u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-Protest Giudizzjarju sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra Carmel sive Charles Scerri u Angela Scerri;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Scerri permezz ta’ liema jopponu ghat-talbiet ta’ l-atturi u jitolbu li jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, inkluzi dawk tal-Kontro-Protest Nru. 126/07 u ta' l-ittra legali datata 27 ta' Frar 2007, stante li: (i) fil-meritu t-talbiet ta’ l-atturi konjugi Cuschieri huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma kkagunaw ebda hsara lill-proprjetà ta’ l-atturi u per konsegwenza m’ghandhomx ihallsu ebda somma in linea ta’ danni sofferti mill-atturi; u in oltre (ii) kwalsiasi hsara kagunata lill-proprjetà ta’ l-atturi kif inhu indikat fl-ewwel talba attrici, jekk pruvata, hija rizultanti minn ragunijiet mhux konnessi ma’ xi agir jew nuqqas taghhom;

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti u rat u ikkunsidrat il-provi migbura waqt is-seduti mizmuma mill-istess Perit;

Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni da parte ta’ l-atturi lill-Perit Tekniku u rat ir-risposti tal-Perit ghall-imsemmija mistoqsijiet, liema risposti gew ikkonfermati bil-gurament waqt is-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2011;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi Cuschieri jitolbu li l-Qorti: (i) tiddikjara li l-konvenuti Scerri huma responsabbli ghad-danni kagonati lill-proprjetà taghhom u cioè "Tintola" Triq Salvu Busuttil, San Gwann, b'konsegwenza u bhala kawza tax-xoghlijiet u skavar maghmula fil-proprjetà ta' l-istess konvenuti u cioè fis-sit fi Triq Salvu Busuttil, San Gwann, deskritta ahjar fl-applikazzjoni maghmula lill-Malta Environment Authority bin-numru PA 05094/01, li tinsab adjacenti mal-fond taghhom; (ii) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm1,730.12, ekwivalenti ghal €4,030.09, jew somma verjuri, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u (iii) tikkundanna lill-konvenuti Scerri sabiex ihallsuhom is-somma ta' Lm1,730.12, ekwivalenti ghal €4,030.09, jew somma verjuri. Il-konventui Scerri jilqghu ghat-talbiet attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) fil-meritu t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma kkagunaw ebda hsara lill-proprjetà taghhom u per konsegwenza m'ghandhomx ihallsu ebda somma in linea ta' danni minnhom sofferti; u li in oltre (ii) kwalsiasi hsara kagunata lill-proprjetà ta' l-atturi kif inhu indikat fl-ewwel talba attrici, jekk pruvata, hija rizultanti minn ragunijiet mhux konnessi ma' xi agir jew nuqqas taghhom.

Minhabba n-natura teknika tal-kaz in ezami l-Qorti nnominat lill-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Wara li zamm diversi seduti tul liema gew prodotti l-provi mill-partijiet kontendenti u wara li zamm access fuq wara tal-binja in kwistjoni fejn seta' jara ahjar il-pedamenti tal-fond ta' l-atturi, il-Perit Tekniku kkonkluda li *l-hsara li sofriet id-dar ta' l-attur hi principalment dovuta ghall-mod hazin li bih inbnew il-pedamenti ta' din id-dar fejn il-kantuniera ma hiex marbuta mal-kumplament tal-binja. Hu veru wkoll li fl-aktar pont vicin tad-dar ta' l-attur, il-konvenut ma halliex iz-zewg piedi u nofs rikjesti mill-ligi mill-bini ta' l-attur kif mibni fil-wisgha tal-hajt tas-sejjieh. Anke kieku thallew iz-zewg piedi u nofs, il-probabilità hi li xorta kienet tohrog din il-konsentura fuq wara tad-dar meta wiehed jikkonsidra li biex sar it-tqattiegh tal-blat intuzaw ingenji kbar u goffi. Ghaldaqstant is-sottoskritt ihoss li il-parti l-kbira tal-htija tal-hsara li saret fid-dar ta' l-attur hi dovuta ghax-xoghol*

*hazin, kontra s-sengha u l-arti tal-pedamenti tad-dar ta' l-attur. Ghaldaqstant ir-responsabbilita ta' din il-hsara taqa' fuq l-attur ghal dak li hu hamsa u sebghin fil-mija u hamsa u ghoxrin fil-mija fuq il-konvenut*.

Il-Perit Tekniku wasal ghal din il-konkluzzjoni wara li ghamel is-segwenti osservazzjonijiet: *naghmel referenza ghal dok JEV/7 li hi pjanta li turi l-art ta' l-atturi ikkolorita bil-blue u l-art tal-konvenuti ikkolorita bl-ahmar. Kif jidher tajjeb minn din il-pjanta, iz-zewg proprjetajiet ma ghandhom ebda genb li jmissu ma' xulxin izda jmissu biss b'wahda mill-ponot. Jidher ukoll, kemm mis-survey u kemm mir-ritratti esebiti waqt il-kawza kif ukoll minn spezzjoni li saret fis-sit u d-dar ta' l-attur, li l-attur fil-bini tad-dar tieghu baqa' diehel u okkupa l-hajt tas-sejjieh kwazi kollu, liema hajt tas-sejjieh kien ta' hxuna ta' cirka metru. Minn ritratti esebiti, mis-survey u minn site inspection irrizulta illi il-konvenut ma halliex id-distanza rikjesta mill-ligi però fil-parti li hi l-iktar vicin ghall-bini ta' l-attur, il-konvenut halla distanza ta' zewg piedi u nofs. Ta' min hawn jghid li kieku l-attur ma okkupax il-wisgha tal-hajt tas-sejjieh kollu allura f'dak il-kaz il-konvenut kien ikun halla d-distanza rikjesta mill-ligi. Minn spezzjoni li saret fuq il-post irrizulta li l-pedamenti tal-parti mid-dar ta' l-attur huma ferm boghod minn dak li titlob is-sengha u l-arti (Ara Dok. CS/D, CS/C, AS/6 u AS/1 sa' AS/6). Jirrizulta li parti mill-pedament hi mibnija bil-laqx, bil-fil wiesgha hafna u partijiet vojta u fuq kollox din il-parti mhix marbuta mal-kumplament tal-bini. Tant li meta sar it-tahfir bil-jackhammer/hymac etc. dan ikkawza il-konsentura li tidher tajjeb fuq Dok. CS/B. Dan ic-caqliq gie rifless fil-kumplament tal-binja*. *Ta' min hawn jghid li l-kantuniera tad-dar ta' l-attur li wiehed jistenna li tkun l-aktar parti b'sahhitha tal-binja, fil-fatt hi mibnija kontra dak li tghid u titlob is-sengha u l-arti tal-bini*.

Wara li kkunsidrat kemm il-provi prodotti mill-partijiet kontendenti, jigiferi kemm ix-xhieda li nghatat kif ukoll ir-ritratti li gew esebiti waqt is-seduti li inzammu mill-Perit Tekniku, kif ukoll il-principji guridici applikabbli ghall-kaz in ezami, il-Qorti tqis li l-konkluzzjoni raggunta mill-Perit Tekniku hija wahda ghal kollox gusta u korretta. In effetti l-

partijiet kontendenti u specjalment l-atturi Cuschieri li ressqu mistoqsijiet in eskussjoni lill-Perit, ma rnexxilhomx igibu fix-xejn jew ta' l-inqas ipoggu fid-dubju r-ragjonevolezza tal-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Kif inhu ormai stabbilit fil-gurisprudenza nostrali *ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-giudizzio dell'arte kif espress mill-Perit Tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi, irragjonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzzjonijiet ta' l-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika"*[1].

L-atturi ma jistghux jaharbu mill-implikazzjonijiet fattwali u guridici tal-fatt li parti mill-pedamenti tal-proprjetà taghhom – u senjatament fejn il-kantuniera tal-proprjetà taghhom ma hijiex marbuta mal-kumplament tal-binja – ma hijiex mibnija skond is-sengha u l-arti. Dana l-fatt jirrizulta debitament stabbilit mhux biss mir-ritratti esebiti waqt il-gbir tal-provi[2] u mill-ispezzjoni da parte tal-Perit Tekniku fuq il-post[3], izda anke mir-risposti tal-Perit Tekniku ghall-mistoqsijiet in eskussjoni da parte ta' l-atturi fejn sahaq li *ma rrizultax li hemm xi konsenturi fil-kantuniera fejn il-bini hu inkatinat u jistrih fuq pediment tal-bricks. Jirrizulta li l-hajt strieh f'dik il-parti fejn il-hajt inbena fuq il-hajt tas-sejjieh li kien hemm. Din il-parti cediet u ikkagonat konsenturi f'diversi partijiet peress li caqliq ta' kantuniera ta' binja jkollha rifless f'diversi partijiet ohra*[4] u li *ma naqbilx li l-kantuniera baqghet intatta wara li tqatta l-blat. Il-kantuniera cediet en block u hargu konsenturi f'diversi partijiet*[5].

---

[1] Mark Farrugia et v. Michael Arthur Williams et noe, Citaz. Nru. 2691/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2005.
[2] Dok. CS/D, Dok. CS/C, Dok. AS/6 u Dok. AS/1 sa' Dok. AS/6.
[3] Dok. JEV 1 sa' Dok. JEV5.
[4] Twegiba ghat-tieni mistoqsija in eskussjoni.
[5] Twegiba ghar-raba' mistqosija in eskussjoni.

Fattwalment u teknikament jirrizulta li kien proprio dan il-fattur li principalment ikkontribwixxa ghall-hsara kawzata fil-fond ta’ l-atturi meta l-konvenuti Scerri bdew it-thaffir fis-sit proprjetà taghhom u guridikament dan ifisser li l-konvenuti ma jistghux jinstabu responsabbli ghad-danni kollha kawzati fil-fond ta’ l-atturi Cuschieri. Din l-osservazzjoni ssib konferma fil-principju guridiku assodat in materja ta’ danni li *meta jsir xi xoghol ta’ kostruzzjoni f’post vicin u in konsegwenza l-fond adjacenti jsofri xi dannu, il-fatt biss li sar dak ix-xoghol fil-post vicin mhux bizzejed biex sid il-post jigi ritenut responsabbli ghad-dannu in konfront tas-sid tal-post l-iehor. Din il-persuna tista’ tigi ritenuta responsabbli ghad-danni kwante volte din kellha xi htija. Dan ghaliex, kif desunt mill-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili, ‘kull min jaghmel uzu ta’ jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b’dak l-uzu*[6]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Vella et v. Michael Cilia, Appell Civili 46/02** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta’ Gunju 2004, gie ribadit u ulterjorment elaborat il-principju li *biex ikun hemm lok ghar-responsabilità tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta’ kawza w effett mad-danni sofferti (Kollez. Vol. XXX pIII p142). Din ir-realtà kienet timponi fuq l-atturi appellanti li jipprovaw pozitivament il-htija tal-konvenut appellat kemm tal-fatt li l-infiltrazzjoni ta’ ilma fil-fond taghhom kif ukoll tad-danni konsegwenzjali subiti b’din l-istess infiltrazzjoni. Fi kliem iehor jenhtieg li jigi provat li l-konvenut appellat kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta’ bonus paterfamilias mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini. Biex wiehed jillustra dan il-principju qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet “Giovanni Tabone et v. John Ellul Sullivan noe et’ Qorti Kummerc, 7 ta’ Frar 1924, f’liema kaz kien sehh incendju fil-fond vicin dak ta’ l-atturi. Fiha ntqal a propozitu illi ‘il vicino lo stabilimento del quale è incendiato come conseguenza dell’incendio scoppiato nello stabilimento vicino se chiede indennità al conduttore o al proprietario di tale stabilimento ha l’onere della prova*

6 Henry Gatt v. Charles Camilleri, Citaz. Nru. 1450/95 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Jannar 2004.

*della copla di esso conduttore o di esso proprietario perchè egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contro il quale il reclamo vien fatto' (Kollez Vol. XXV pIII p768).*

Nonostante dak appena osservat però mill-provi prodotti u mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku jirrizulta li bhala fatt il-konvenuti Scerri wkoll ikkontribwew ghall-hsara kawzata fil-fond ta' l-atturi Cuschieri u ghalhekk ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-hsarat u konsegwenti danni kawzati fil-fond ta' l-atturi fil-limitu tar-responsabilità taghhom ghal tali hsarat u danni, u dana fid-dawl tal-principju li *biex persuna tinstab responsabbli ghad-danni, mhux necessarju li l-agir taghha tkun l-unika kawza tad-danni reklamat; anke jekk, b'xi mod, ikkontribwiet bin-negligenza taghha ghall-hsara, ma tistax tahrab mir-responsabbiltà (ara Kollez. Vol. XXXIV.II.581). Kull persuna ovvjament, trid twiegeb ghall-ghemil taghha, u mhux responsabbli ghall-agir negligenti u traskurat ta' haddiehor*[7].

Mill-atti u senjatament mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku jirrizulta li meta l-konvenuti Scerri haffru fil-parti tas-sit taghhom li hi l-aktar vicin ghall-bini ta' l-atturi huma ma zammewx mad-distanza legali ta' zewg piedi u nofs (sitta u sebghin centimetri) minn mal-bini ta' l-atturi izda haffru f'distanza ta' madwar pied u nofs. Huwa veru li mir-ritratti esebiti, mis-survey Dok. JEV7 u mill-ispezzjoni li zamm il-Perit Tekniku[8] jirrizulta li fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond taghhom l-atturi Cuschieri baqghu dehlin u okkupaw il-hajt tas-sejjieh, li kien ta' hxuna ta' cirka metru, li jissepara l-proprjetà taghhom mis-sit tal-konvenuti izda b'daqshekk ma jfissirx li l-konvenuti Scerri kienu gustifikati f'li jhaffru f'distanza inqas minn dik ta' zewg piedi u nofs jew sitta u sebghin centimetri prevista fil-Ligi[9].

Jigi ribadit ghalhekk li ladarba l-konvenuti Scerri ma zammewx mad-distanza prevista fil-Ligi meta kienu qed ihaffru fis-sit taghhom f'dik il-parti l-iktar vicina tal-bini ta' l-

---

7 David Gatt v. Peter Calleja, Citaz. Nru. 1365/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002.
8 Dok. JEV2 u Dok. JEV5
9 Artikolu 439 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

atturi, huma ghandhom jirrispondu ghad-danni minnhom kawzati fil-fond ta' l-atturi sal-limitu tar-responsabilità taghhom skond ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Din l-osservazzjoni ssib konferma fil-principju li l-Artikolu 439 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta *jippreskrivi d-distanza legali minima li kellha tinzamm fl-ezekuzzjoni ta’ xoghlijiet ta’ thaffir. Id-divjet ta’ dan id-dispost tal-ligi huwa wiehed assolut u ‘juris et de jure’ u japplika kemm fir-rigward ta’ konfini laterali kif ukoll fil-kaz fejn ikun hemm dislivell bejn il-konfini. Ifisser ghalhekk illi l-artikolu 439 jikkreja presunzjoni assoluta ta’ hsara u huwa ghalhekk impellenti li tinzamm id-distanza regolamentari biex proprju jigi evitat dannu lill-vicin. Effettivament u guridikament l-applikabilità ta’ din id-disposizzjoni tipprexxindi minn kull indagini dwar xi assenza ta’ potenzjalità dannuza tal-kondotta ta’ min ikun zamm distanza inferjuri ghal dik legali. L-inosservanza ta’ din in-norma tal-ligi ggib b’konsegwenza r-responsabilità ghad-danni sofferti mill-gar, u ggib ukoll l-obbligu ta’ min ikkawzahom biex jirrimedja ghall-hsara*[10].

Fid-dawl ta' dak kollu minnu kkunsidrat u konsegwentement konkluz il-Perit Tekniku apporzjona r-responsabilità ghall-hsara kawzata fil-fond ta’ l-atturi Cuschieri meta l-konvenuti bdew ix-xoghiliet u skavar fil-proprjetà taghhom fil-proporzjon ta’ 75% ghall-atturi u 25% ghall-konvenuti Scerri. Fil-fehma tal-Qorti l-mod kif il-Perit Tekniku apporzjona tali r-responsabilità bejn l-atturi u l-konvenuti gustament jirrifletti dak kollu li jirrizulta mill-atti processwali u mill-provi prodotti, u dana kemm mill-aspett fattwali kif ukoll mill-aspett guridiku. B'hekk il-Qorti tikkonferma li l-atturi ghandhom igorru 75% tar-responsabilità ghall-hsarat kawzati fil-fond proprjetà taghhom stante li l-fatt li parti mill-pedamenti tal-fond taghhom stess ma kienux mibnija skond is-sengha u l-arti kien il-fattur principali ghall-hsarat in kwistjoni, filwaqt li l-konvenuti ghandhom igorru 25% tar-responsabilità ghall-hsarat kawzati fil-proprjetà ta' l-atturi stante li fl-iktar parti vicina mal-fond ta' l-atturi ma zammewx id-distanza legali meta kienu qed ihaffru fis-sit taghhom.

---

10 Saviour Brincat et v. Salina Estates Limited et, Appell Civili 510/99 deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta’ Frar 2004.

Bit-tieni talba taghhom l-atturi Cuschieri jitolbu li l-Qorti tillikwida d-danni minnhom sofferti b'konsegwenza tal-hsarat kawzati fil-fond proprjetà taghhom fl-ammont ta' Lm1,730.12, ekwivalenti ghal €4,030.09, jew somma verjuri. Fl-affidavit tieghu l-attur Sandro Cuschieri kkonferma li *l-hsarat jammontaw ghal erbat elef u tletin Euro u disa' centezmi (€4,030.09) barra l-ispejjez legali u professjonali li ahna kellna nhallsu meta kellna ngibu din il-kawza ghax is-sinjuri Scerri ma riedux ihallsuna*[11]*.* Il-Qorti tinnota li l-konvenuti Scerri ma jikkontestawx il-*quantum* tad-danni reklamati mill-atturi Cuschieri ghaliex huma jillimitaw il-kontestazzjoni taghhom ghar-responsabilità ghall-hsarat u konsegwenti danni subiti mill-atturi, u li l-Perit Tekniku – salv naturalment ghall-osservazzjonijiet u konsegwenti konluzzjonijiet tieghu dwar ir-responsabilità ghall-hsarat kawzati u konsegwenti danni subiti – bl-ebda mod ma varja l-ammont ta' danni pretiz mill-atturi. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li d-danni subiti mill-atturi Cuschieri fil-fond taghhom effettivament jammontaw ghas-somma ta' €4,030.09 izda, fid-dawl ta' dak iktar 'l fuq osservat dwar l-ispartizzjoni tar-responsabilità ghall-hsara kawzata u konsegwenti danni subiti bejn l-atturi u l-konvenuti, l-istess konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb biss ghas-somma ta' **€1,007.52** mill-ammont globali ta' €4,030.09 pretiz mill-atturi, liema somma effettivament tirrapprezenta 25% tad-danni hekk pretizi mill-atturi.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' in parte t-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess konvenuti u konsegwentement:

1. tiddikjara li l-konvenuti Scerri huma responsabbli, in kwantu ghal 25% tar-responsabilità, ghad-danni kagonati lill-proprjetà ta' l-atturi u cioè "Tintola" Triq Salvu Busuttil, San Gwann, b'konsegwenza u bhala kawza tax-xoghlijiet u skavar maghmula fil-proprjetà tal-konvenuti u cioè fis-sit fi Triq Salvu Busuttil, San Gwann, deskritta ahjar fl-applikazzjoni maghmula lill-Malta Environment Authority

[11] Affidavit ta' l-attur Sandro Cuschieri, Dok. SC/1 a fol. 56 u 57 tal-process.

bin-numru PA 05094/01, li tinsab adjacenti mal-fond taghhom;
2. tillikwida d-danni kawzati mill-konvenuti Scerri lill-atturi Cuschieri fl-ammont ta' €1,007.52; u konsegwentement
3. tikkundanna lill-konvenuti Scerri, flimkien u solidalment bejniethom, ihallsu lill-atturi Cuschieri s-somma likwidata ta' €1,007.52.
Bl-imghax legali fuq is-somma ta' €1,007.52 dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal ¾ mill-atturi Cuschieri u ¼ mill-konvenuti Scerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------